# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 480/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Chantelle Cachia)**

**vs**

**Nazzareno Ferriggi**

Seduta tal- 25 ta' Gunju, 2020

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Nazzareno Ferriggi, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 177569M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Nhar id-29 ta' Mejju, 2016 għal ħabta ta' 8:20hrs ġewwa Triq Bice Mizzi Vassallo, Santa Lucia bl-imġieba tiegħu kkaġuna biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) kien ħati ta' reat jew kien jaf jew imissu kien jaf li l-imġieba tiegħu se tikkaġuna lil xi ħaddieħor hekk jibża kull

darba minn dawk l-okkażjonijiet u dan bi ksur tal-Artikolu 251B tal-Kap 9;

B) Kif ukoll inġurja jew hedded, mhux imsemmi band'oħra f'dan il-kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni lil Carmela Portelli u dan bi ksur tal-Art 339 (e) tal-Kap 9.

C) Kif ukoll qal kliem jew espressjonijiet ta' dagħa fil-pubbliku u dan bi ksur tal-Art 342 tal-Kap 9.

D) Kif ukoll kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'għajjat u ġlied u dan bi ksru tal-Art. 338 (dd) tal-Kap 9

E) Kif ukoll talli kiser is-sentenza tal-Qorti imposta fuqu wara li kien ġie kkundannat għal reat b'sentenza li kienet saret definittiva mill-Maġt. Aaron Bugeja LL.D. fl-14 ta' Lulju, 2015 u dan bi ksur tal-Artikolu 49 tal-Kap 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fit-18 t'Ottubru, 2016 li biha wara li rat l-Artikoli 17, 338 (dd), 339 (1)(e), 342, 383 u 387 tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li sabet lill-imputat **mhux ħati** <u>tal-ewwel imputazzjoni</u> u minnha lliberatu minn kull ħtija u piena u filwaqt li mhix qegħda tqis lill-imputat bħala reċidiv, sabitu **ħati** <u>tat-tieni, tielet, raba' u l-ħames</u> imputazzjoni (fis-sens li huwa kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali bis-sentenza preċedenti tal-14 ta' Lulju, 2015). Illi kwantu ta' piena, relattivament għat-tieni, tielet u raba' imputazzjonijiet kkundannatu għal ammenda totali ta' mitt Ewro (€100) u wara li rat l-Artikolu 387 (1) tal-Kodiċi Kriminali ordnat li s-somma li għaliha obbliga ruħu jiġifieri l-ammont ta' elf Ewro (€1,000) tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta;

Inoltre, sabiex il-Qorti tipprovdi għall-protezzjoni tal-parte ċivile Carmelo Briffa u Carmela Portelli wara li rat l-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali rabtet lill-ħati sabiex bl-ebda mod ma jimmolesta jew jivvessa fit-termini tal-istess Artikolu lill-parte ċivile u dan għal perjodu ta' sena (1) millum.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Nazzareno Ferriggi, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fil-25 t'Ottubru, 2016, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha **tikkonferma** s-sentenza kwantu għall-ewwel akkuża fejn illiberatu u **tħassar** u tirrevoka s-sentenza fil-konfront tiegħu fir-rigward tat-tieni, t-tielet, r-raba' u l-ħames akkużi fejn sabitu ħati u tilliberah minn kull piena u ħtija;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat

1. Illi qabel kull konsiderazzjoni ohra ghandu jkun osservat illi wara li l-ewwel Qorti sabet htija, *inter alia,* fit-tielet imputazzjoni, ccitat hazin l-artikolu tal-ligi dwar din l-imputazzjoni meta indikat l-artikolu 342 tal-Kapitolu 9. L-artikolu 342 huwa dak li jirregola l-piena meta tinsab htija fl-artikolu 338(bb) tal-Kodici Kriminali liema artikolu kellu jkun espressament indikat wara li instabet htija fit-tielet imputazzjoni u dan fuq piena ta' nullita' fit-termini tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi hekk:

> **Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub**

**hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikoli ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.**

2. Il-gurisprudenza in rigward hija wahda kopjuza u kostanti li dejjem rriteniet illi f'sitwazzjoni konsimili s-sentenza tkun nulla fl-intier taghha. Inkluz ma' dan hu l-principju li din hi kwistjoni ta' ordni pubbliku u ghandha titqajjem *ex officio* meta tirrizulta. Ghal dawn ir-ragunijiet, stante illi s-sentenza appellata hija karenti minn formalita' essenzjali ghall-validita taghha, tiddikjara s-sentenza appellata nulla u bla effett;

3. Tajjeb izda li jkun osservat illi "t-thassir tas-sentenza japplika **<u>biss</u>** ghal dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant **<u>jinstab hati</u>**. Dan hu hekk peress li, l-ewwel nett, l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jezigi li tkun indikata d-disposizzjoni tal-ligi biss fejn tkun qed tinstab htija u mhux ukoll f'kaz ta' liberazzjoni; u t-tieni nett, il-ghaliex kieku kien mod iehor, ikun qieghed indirettament ikun estiz id-dritt ta' appell tal-Avukat Generali bi ksur ta' l-Artikolu 413(1)(b)". **Il-Pulizija vs Charles Micallef** App Krim 23.6.1995**.** Ara ukoll **Il-Pulizija vs Joseph Farrugia** 13.1.1995; **Pulizija vs Karmenu Attard -** App Krim 28.4.1995 **Il-Pulizija vs Katya Victoria Camilleri** – App Krim 19.10.2006 u **Il-Pulizija vs Mark Attard** 289/2006 – 19.5.2008;

4. Inoltre, dikjarazzjoni ta' nullita' ta' sentenza, iggib maghha effetti li jvarjaw minn kawza ghall-ohra. L-ewwel wiehed hu li fit-termini tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi **hi stess** il-kaz mill-gdid "*meta l-qorti superjuri ssib li nkisret jew li ma saritx xi formalita'; li trid il-ligi taht piena ta' nullita', jew li tkun xort'ohra sostanzjali*"; l-aggravji tal-appellant imbaghad jitqiesu bhala sottomissjonijiet fil-kawza (ara **Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech**

[App Krim 10.09.07]). Finalment, meta tigi biex tiddeciedi l-mertu mill-gdid, din il-Qorti ma tkunx marbuta bis-subartikolu (7) tal-artikolu 428, igifieri mal-piena erogata mill-ewwel Qorti u konsegwentement tista zzid il-piena skond il-kaz. (ara **Il-Pulizija vs Joseph Farrugia** [App Kri 13.1.1995);

5. Il-fatti ta' dan il-kaz huma dwar allegat tghajjir, kliem hazin u ksur tal-bon ordni u l-kwiet pubbliku bejn girien. Il-Pulizija ressqet lill-imputat sabiex iwiegeb ghall-dawn l-imputazzjonijiet wara li l-kwerelanta, li toqghod f'residenza sovrastanti ghal dik tal-imputat rrapurtat lill-Pulizija illi l-imputat li gia kellu ordni biex ma jimmolestax lill-istess, kien kellimha hazin, ingurjaha bil-fomm u tkellem oxxen minn taht il-gallarija taghha meta, skond hu, ra ilma joskula minn din l-istess gallarija ghal fuq il-proprjeta' tieghu;

6. Fl-ewwel aggravju tieghu, li allura issa jitqies bhala sottomissjoni, l-imputat jallega illi l-azzjoni kwantu t-tieni u r-raba' imputazzjoni huma kolpiti bil-preskrizzjoni trimestrali u dan stante li kienu gia ddekorrew tlett xhur bejn il-jum li fih kien allegat li sehhew dawn il-kontravenzjonijiet u l-jum tan-notifika. Issa, huwa palezi illi dawn iz-zewg imputazzjonijiet huma preskrivibbli bi trapass ta' tlett xhur skond l-artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali. Il-fatti huma allegati li sehhew fid-29 ta' Mejju 2016 bl-ewwel seduta ordnata ghat-18 t'Ottubru, 2016. L-ewwel seduta, izda, tidher li sehhet fil-25 t' Ottubru, 2016 li ghaliha deher l-imputat assistit;

7. Ghalkemm l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tkun sollevata fi kwalunkwe stadju tal-proceduri, l-imputat naqas milli jecepixxi dan it-trapass quddiem l-ewwel Qorti. Konsegwenza ta' dan l-ewwel Qorti ma ordnatx li jkunu esebiti r-riferti relevanti u ghalhekk dawn ma jinstabux in atti. Lanqas

f'dan l-istadju ma saret talba ghalhekk mill-imputat u l-preskrizzjoni mhix kwistjoni li tkun prezunta izda jehtieg li tkun pruvata. Konsegwentement in-nuqqas ta' dokumenti li juru notifika tal-imputat ma ghandux bilfors iwassal ghall-konkluzzjoni li l-appellant kien notifikat wara t-tliet (3) xhur. Ma huwiex normali li tali riferti jkunu esebiti b'mod awtomatiku izda meta rikjest minn parti jew ohra biex turi ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li parti kienet notifikata jew le. Issa la darba fiz-zewg istanti l-imputat naqas milli jitlob li dawn ikunu esebiti ma jistghax jistenna li din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-eccezzjoni favur tieghu. Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad din l-eccezzjoni;

8. Ukoll fl-ewwel aggravju, l-imputat jallega illi l-fatti ma rrizultawx sodisfacentement pruvati la darba kienet l-kwerelanta biss li qalet li semghet lill-esponent jitkellem hazin u li sia l-imputat kif ukoll ibnu ddikjaraw li dak id-diskors qatt ma ntqal. Dan jirreferi ghat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet ghaliex il-hames imputazzjoni hija dipendenti minn sejbien ta' htija fuq dawk ta' qabilha;

9. Il-Qorti qrat it-traskrizzjoni tad-deposizzjonijiet tax-xhieda minn fejn jirrizulta li Carmelo Briffa ukoll sema' dan id-diskors, ghajjat u dagha u mhux kif jghid l-imputat. Gia minn dawn il-verzjonijiet il-Qorti tghazel illi temmen il-verzjoni tal-kwerelanta u hi konfortata dwar dan mid-decizzjoni tal-ewwel Qorti anke jekk is-sentenza taghha hija dikjarata nulla. In-nullita' hi radikata minn indikazjoni hazina tal-artikolu u ghalhekk hija wahda relattiva sa certu punt;

10. Fil-hames imputazzjoni, l-imputat hu mixli li kiser sentenza precedenti moghtija kontra tieghu. Fl-aggravju dwar

dan, l-imputat jghid illi hu kien mixli bi ksur tal-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali li jikkontempla r-recidiva. Issa, irid jinghad illi ghall-ewwel Qorti ma rrizultax l-addebitu tar-recidiva u ghalhekk stante li kien liberat minn dan l-aspett ma tistax din il-Qorti, f'dan l-istadju titratta dwar dan. L-appellant isostni, inoltre illi c-citazzjoni tindika l-artikolu 49 u ma tistax tkun konsiderata bhala ksur ta' obligazzjoni taht l-artikolu 387;

11. Il-gurisprudenza ghar-rigward indikazzjoni ta' l-artikoli tal-ligi fic-citazzjoni hija wahda kostanti u cara b'dan illi hi hija meqjusa bhala *avviso da comparire*. Ghalhekk meta l-prosekuzzjoni tindika l-artikolu tal-ligi ma tkunx necessarjament qed tirristringi ruhha ghal dak l-artikolu izda ghall-fatti kif deskritti fic-citazzjoni. Fil-kaz odjern izda, l-prosekuzzjoni ma indikatx l-artikolu 49 b'mod zbaljat, proprju allegat l-addebitu tar-recidiva anke fit-test uzat fil-hames imputazzjoni. Jekk il-prosekuzzjoni riedet tghid li l-imputat kiser il-kondizzjoni imposta fuqu permezz ta' sentenza li kienet tipprovdi ghas-sigurta ta' Carmel Briffa u Carmela Portelli b'obligazzjoni personali ta' €1000.00 ghal perjodu ta' sena, allura messha qalet hekk fi kliem car ghaliex l-hames imputazzjoni hija ben diversa minn dan;

12. Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qed issib lill-imputat hati tat-tieni, t-tielet u r-raba' imputazzjoni filwaqt li ma ssibux hati tal-ewwel u tal-hames imputazzjoni u minnhom tilliberah;

13. Wara li rat l-artikoli 17(f), 338(bb), (dd) 339(1)(e) u 342 tal-Kodici Kriminali tikkundannah piena ta' ammenda ta' €58.23 kwantu it-tieni imputazzjoni, €29.00 fuq it-tielet u €29 fuq ir-raba' imputazzjoni. Inoltre, sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Carmela Portelli u Carmelo Briffa torbot lill-hati sabiex ma jimmolestax jew mod iehor idejjaq jew jivvessa lill-istess

Carmela Portelli u Carmelo Briffa skond kif jipprovdi l-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali ghal perjodu ta' sena mil-lum.